Dokumenti tal-EDPB

# Dokument tal-EDPB dwar il-proċedura għall-approvazzjoni tal-kriterji ta' ċertifikazzjoni mill-EDPB għal ċertifikazzjoni komuni, is-Siġill Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*

## Adottat fit-28 ta' Jannar 2020

Translations proofread by EDPB Members.
This language version has not yet been proofread.

## Werrej

1. L-APPROVAZZJONI mill-EDPB tal-kriterji ta' ċertifikazzjoni għall-UE kollha (is-Siġill tal-UE għall-Protezzjoni tad-*Data*): IR-RIEŻAMI, IS-SOTTOMISSJONI, L-AMMISSIBILITÀ u L-ADOZZJONI ................ 3

1.1. Is-sottomissjoni ........ 3

1.2. L-ammissibbiltà inizjali tal-kriterji ta' ċertifikazzjoni ........ 4

1.3. Il-kooperazzjoni (il-fażi ta' kooperazzjoni informali fil-livell ta' SAs) ........ 4

1.4. Is-sottomissjoni u l-approvazzjoni formali (il-fażi tal-EDPB) ........ 5

1.5. L-opinjoni skont l-Artikolu 64(2) ........ 6

1.6. Passi ulterjuri wara l-Opinjoni tal-EDPB ........ 7

Fluss tax-xogħol – L-approvazzjoni tal-EDPB tal-Kriterji ta' Ċertifikazzjoni għas-Siġill tal-UE għall-Protezzjoni tad-*Data* ........ 8

## Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*

Wara li kkunsidra l-Artikolu 42(5), l-Artikolu 64(2) u l-Artikolu 70(1), tar-Regolament 2016/679/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (minn hawn 'il quddiem il-"GDPR"),

Wara li kkunsidra l-Ftehim ŻEE u b'mod partikolari l-Anness XI u l-Protokoll 37 tiegħu, kif emendati bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 154/2018 tas-6 ta' Lulju 2018[1],

Wara li kkunsidra l-Artikolu 3 u l-Artikolu 22 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu tal-25 ta' Mejju 2018,

**ADOTTA D-DOKUMENT LI ĠEJ**

# 1. L-APPROVAZZJONI mill-EDPB tal-kriterji ta' ċertifikazzjoni għall-UE kollha (is-Siġill tal-UE għall-Protezzjoni tad-*Data*): IR-RIEŻAMI, IS-SOTTOMISSJONI, L-AMMISSIBILITÀ u L-ADOZZJONI

## 1.1. Is-sottomissjoni

Is-sidien ta' skemi (li jistgħu jkunu organizzazzjonijiet jew kumpaniji privati li ma jkunux inkarigati mill-ħruġ ta' ċertifikati) jew il-korpi ta' ċertifikazzjoni, jenħtieġ li jissottomettu formalment il-kriterji ta' ċertifikazzjoni tagħhom għall-UE kollha (fl-ordni tal-applikazzjoni):

1) lill-SA kompetenti (CompSA) fejn is-sidien tal-iskema[2] jkollhom il-kwartieri ġenerali tagħhom;
2) għall-CompSA fejn il-korp ta' ċertifikazzjoni li jopera l-mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni jkollu l-kwartieri ġenerali[3] tiegħu, filwaqt li jittieħed inkonsiderazzjoni l-Istat Membru li fih x'aktarx jinħarġu minnu l-aktar ċertifikati.

Barra minn hekk, l-Awtoritajiet Superviżorji (SAs, Supervisory Authorities) jistgħu wkoll jabbozzaw kriterji ta' ċertifikazzjoni għal mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni fl-UE kollha fuq inizjattiva tagħhom stess[4].

L-SAs jistgħu jissottomettu kriterji għal mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni fl-UE kollha li hemm msemmija fl-Artikolu 42(5) għall-approvazzjoni mill-EDPB skont l-Artikolu 63 u l-Artikolu 70(1)(o)[5]. L-SA twettaq rieżami biex tiżgura li l-abbozzi tal-kriterji ta' ċertifikazzjoni jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-kriterji ta'

[1] Ir-referimenti għall-"UE" tul dan id-dokument jenħtieġ li jinftiehmu bħala riferimenti għaż-"ŻEE".
[2] Sid ta' skema jista' jkun ukoll korp ta' ċertifikazzjoni
[3] L-akkreditazzjoni tal-korp taċ-ċertifikazzjoni (jew mill-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni (NAB) jew mill-CompSA) tinkludi wkoll valutazzjoni tal-mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni. B'mod partikolari jiġi vverifikat li l-metodoloġiji ta' valutazzjoni proposti huma adegwati fir-rigward tal-kriterji ta' ċertifikazzjoni approvati. L-akkreditazzjoni sseħħ ukoll fejn il-korp taċ-ċertifikazzjoni għandu l-kwartieri ġenerali tiegħu, skont il-Linji Gwida tal-EDPB 1/2018, il-paragrafu 44.
[4] L-SA taġixxi bħala sid ta' skema.
[5] SA ma tistax tippreżenta kriterji ta' ċertifikazzjoni għal opinjoni jekk ma tkunx diġà ssottomettiet ir-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni tagħha għall-approvazzjoni.

ċertifikazzjoni tal-GDPR fl-UE kollha, filwaqt li tieħu inkonsiderazzjoni l-linji gwida tal-EDPB dwar iċ-ċertifikazzjoni[6]. Ir-rieżami tal-CompSA se jkun megħjun meta l-mudell ta' valutazzjoni għall-kriterji ta' ċertifikazzjoni adottat mill-EDPB (iridu jimtlew kemm it-taqsima nazzjonali kif ukoll dik tal-UE) jimtela kollu. Is-sottomissjoni ta' dan id-dokument lill-EDPB tista' ssir biss meta l-CompSA tqis li l-kriterji jistgħu jiġu approvati mill-EDPB (ara l-pass 3a)[7].

## 1.2. L-ammissibbiltà inizjali tal-kriterji ta' ċertifikazzjoni

Jekk jinstab li l-abbozz tal-kriterji ma huwiex aċċettabbli mill-CompSA, il-CompSA tikteb lis-sid tal-iskema u tindika r-raġunijiet tad-deċiżjoni tagħha (ara l-pass 3b).

Jekk l-abbozz tal-kriterji jinstab aċċettabbli mill-CompSA, il-CompSA tikteb lis-sid tal-iskema u tikkonfermalu li se tgħaddi għall-istadju li jmiss tal-proċedura, u se tivvaluta l-abbozz tal-kriterji. Dan se jiskatta l-proċedura ta' kooperazzjoni informali li ġejja fir-rigward tal-valutazzjoni tal-kriterji għall-approvazzjoni.

## 1.3. Il-kooperazzjoni (il-fażi ta' kooperazzjoni informali fil-livell ta' SAs)

Il-fażi ta' kooperazzjoni informali hija integrali biex tippermetti proċedura ta' approvazzjoni tal-Bord effiċjenti. Il-fażi ta' kooperazzjoni informali tippermetti lill-CompSA identifikata hawn fuq li tmexxi l-valutazzjoni tal-kriterji u tipprovdi feedback lis-sid tal-iskema kif meħtieġ. Il-CompSA tipprovdi aġġornamenti f'waqthom lis-sid tal-iskema dwar il-fażijiet kollha.

Il-CompSA toħroġ notifika biex taġġorna lill-SAs kollha, u dawn jitolbu, fuq bażi volontarja, għal massimu ta' żewġ koeżaminaturi biex jgħinu fil-valutazzjoni sostantiva tal-kriterji (ara l-pass 4). It-talba għal koeżaminaturi ssir permezz tal-posta elettronika lis-segretarjat tal-EDPB. Il-Komunikazzjoni bil-posta elettronika trid tinkludi l-mudell ta' valutazzjoni tal-EDPB mimli mill-CompSA.

Il-fażi ta' kooperazzjoni informali (ara l-passi minn 4 sa 6) tista' tibda biss meta d-dokumenti li ġejjin ikunu disponibbli bl-Ingliż u jistgħu jiġu kondiviżi ma' SAs oħra:

- il-mudell tal-valutazzjoni tal-EDPB mimli kollu mill-CompSA. Għandu jinkludi l-informazzjoni dwar kif ġew indirizzati l-leġislazzjonijiet nazzjonali rilevanti kollha u dwar it-tnedija ppjanata fl-Istati Membri; kif ukoll
- kopja tal-kriterji għaċ-ċertifikazzjoni u kull anness rilevanti.

Il-kriterji ta' ċertifikazzjoni relatati ma' leġiżlazzjoni speċifika ta' Stat Membru jistgħu jiġu sottomessi fil-lingwa nazzjonali tiegħu, jekk disponibbli.

Ir-rwol tal-koeżaminaturi jkun li jassistu lill-CompSA fil-valutazzjoni tal-abbozz tal-kriterji. Il-koeżaminaturi jeħtieġ li jiżguraw li l-esperti jiġu involuti skont is-suġġett ta' ċertifikazzjoni. Ladarba l-koeżaminaturi jiġu kkonfermati, il-kummenti tagħhom dwar il-kriterji jeħtieġ li jingħataw fi żmien tletin jum mill-mument li jingħataw id-dokumenti. Dawn il-kummenti mbagħad jitqiesu mill-CompSA meta tagħmel il-valutazzjoni tagħha. Ir-reviżjoni se tiffoka prinċipalment fuq l-aċċettabilità teknika tal-kriterji ta' ċertifikazzjoni (ara l-pass 5).

Wara l-korieżami, il-CompSA se tgħaddi l-abbozz tal-kriterji lill-SAs kollha. Is-Segretarjat tal-EDPB jista' jassisti fir-rigward tal-komunikazzjoni fost l-SAs (ara l-pass 6). L-SAs ikkonċernati kollha jkollhom 30

[6] Il-linji gwida 1/2018 dwar iċ-ċertifikazzjoni u l-identifikazzjoni ta' kriterji ta' ċertifikazzjoni f'konformità mal-Artikoli 42 u 43 tar-Regolament

[7] Ara t-taqsima 4.2 (il-paragrafi 35 – 45) tal-linji gwida tal-EDPB dwar il-kriterji ta' ċertifikazzjoni.

jum biex jirrispondu, u kull kwistjoni sinifikanti tista' tiġi diskussa quddiem is-sottogrupp tal-EDPB rilevanti. Ir-rieżami se jiżgura li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tkun koperta b'mod adegwat u se jinkludi wkoll l-analiżi tal-konformità tal-kriterji li jkopru l-leġiżlazzjoni nazzjonali. Jekk l-SAs ma jirrispondux, il-kriterji jgħaddu għall-istadju li jmiss tal-proċedura.

Il-CompSA tista' tiddeċiedi li tirrepeti l-passi 5 u 6 kif meħtieġ.

Wara kwalunkwe pass tal-fażi ta' kooperazzjoni informali, il-CompSA tista' tagħti lis-sid tal-iskema l-għażla li jaġġorna l-kriterji ta' ċertifikazzjoni filwaqt li jieħu inkonsiderazzjoni l-kummenti tal-SAs.

Wara l-pass 6 u filwaqt li jiġi preżunt eżitu pożittiv, il-CompSA titlob sessjoni għas-sottogrupp biex tiddiskuti l-kriterji li qed jiġu rieżaminati (ara l-pass 7). Il-CompSA se taġġorna l-mudell ta' valutazzjoni tal-EDPB bil-punti ewlenin minn din is-sessjoni. Kwalunkwe azzjoni mqajma fil-laqgħa tista' titmexxa 'l quddiem mill-CompSA u l-kriterji jistgħu jiġu riveduti mis-sid tal-iskema.

Fi tmiem il-fażi ta' kooperazzjoni informali, il-CompSA (f'konsultazzjoni mas-sid tal-iskema) tista' tiddeċiedi jekk tissottomettix il-kriterji ta' ċertifikazzjoni jew le lill-EDPB għall-approvazzjoni formali. Il-CompSA se tiddeċiedi finalment jekk l-abbozz tal-kriterji għandux jiġi sottomess lill-Bord għall-approvazzjoni skont l-Artikolu 63 tal-GDPR. Meta l-CompSA tiddeċiedi li ma tissottomettix il-kriterji ta' ċertifikazzjoni lill-EDPB, il-proċess jintemm (ara l-pass 8b). Is-sottomissjoni mill-ġdid tal-kriterji ta' ċertifikazzjoni, f'data aktar tard, se tirriżulta fi proċess ta' rieżami ġdid.

Sid l-iskema għandu jieħu sehem fil-proċess ta' rieżami fil-fażi informali. L-SA kompetenti jenħtieġ li tinforma lis-sid tal-iskema bil-kummenti li jkunu saru matul il-fażi ta' kooperazzjoni u s-sid l-iskema jenħtieġ li jingħata l-opportunità li jitlob kjarifiki u li jwieġeb[8].

## 1.4. Is-sottomissjoni u l-approvazzjoni formali (il-fażi tal-EDPB)

L-approvazzjoni ta' Siġill tal-UE għall-Protezzjoni ta' *Data* sseħħ taħt il-proċedura ta' opinjoni skont l-Artikolu 64(2).

Il-CompSA hija mitluba li tqis l-iskeda ta' ħidma tas-Sottogrupp ta' Esperti (ESG) tas-CEH qabel ma tagħmel is-sottomissjoni tagħha permezz tal-IMI.

Is-sottomissjoni formali trid issir permezz tal-pjattaforma tal-IMI (il-pass 8a). Din għandha tissodisfa l-kriterji ta' ammissibbiltà li ġejjin biex tiġi aċċettata mill-EDPB:

- Id-dokumenti rilevanti kollha jridu jiġu sottomessi bl-Ingliż;
- Il-mudell ta' valutazzjoni tal-EDPB irid jimtela mill-CompSA u jrid jiġi sottomess (il-mudell irid jiġi aġġornat skont ir-riżultat tal-fażi ta' rieżami inizjali); kif ukoll
- Iridu jiġu sottomessi kopja tal-kriterji ta' ċertifikazzjoni u kull anness.

Is-Segretarjat jivverifika li d-dokumenti kollha jkunu preżenti u kompluti. Is-Segretarjat jista' jitlob lill-CompSA biex tipprovdi, f'perjodu ta' żmien speċifiku, informazzjoni addizzjonali meħtieġa biex il-fajl ikun komplut. Bħala regola ġenerali, u mingħajr preġudizzju għal traduzzjonijiet oħra fejn meħtieġa jew rikjesti mil-liġi, l-applikant jenħtieġ li jipprovdi d-dokumenti rilevanti kollha bil-lingwa tal-CompSA kif ukoll bl-Ingliż. Meta jkun meħtieġ, pereżempju d-dokumenti li ma ġewx mingħand l-SA jew li ma ġewx abbozzati minnha, id-dokumenti sottomessi mill-CompSA jiġu tradotti għall-Ingliż mis-

[8] L-SA kompetenti għandha tiżgura li s-sid tal-iskema jkun infurmat dwar din il-possibbiltà u li jingħata din l-opportunità.

segretarjat mingħajr dewmien żejjed. F'każijiet bħal dawn, meta l-awtorità kompetenti taqbel dwar it-traduzzjoni, u l-President u l-CompSA jiddeċiedu li l-fajl huwa lest, is-segretarjat, f'isem il-President, jgħaddi l-fajl lill-membri tal-Bord.

L-opinjoni tal-Bord għandha tiġi adottata fi żmien tmien ġimgħat wara li l-President u l-CompSA (fejn rilevanti) ikunu ddeċidew li l-fajl huwa lest. Din tista' tiġi estiża b'sitt ġimgħat oħra, filwaqt li titqies il-kumplessità tas-suġġett, fuq id-deċiżjoni tal-President u fuq inizjattiva tiegħu jew fuq talba ta' mill-inqas terz tal-membri tal-Bord.

Qabel mal-abbozzi tal-opinjonijiet jitressqu għall-vot tal-Bord, dawn għandhom jiġu ppreparati u abbozzati mis-segretarjat, flimkien ma' relatur u l-membri tas-sottogrupp ta' esperti, jekk il-President jiddeċiedi hekk. Skont il-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni, sabiex jitħejjew l-opinjonijiet, tista' tintalab il-kompetenza esperta ta' sottogruppi oħra tal-EDPB .

Fuq id-deċiżjoni tal-president, permezz ta' email jew f'laqgħa tas-CEH, jista' jiġi stabbilit tim tal-abbozzar skont meta tkun se tintefa' s-sottomissjoni. Is-sejħa għall-voluntiera tat-tim tal-abbozzar ssir mis-Segretarjat flimkien mal-mal-koordinaturi tal-grupp ta' esperti tas-CEH. Sabiex jiġu evitati l-kunflitti ta' interess, jenħtieġ li l-CompSA ma tkunx parti mit-tim ewlieni ta' abbozzar. Madankollu, kwalunkwe mistoqsija tista' dejjem tiġi indirizzata mit-tim ewlieni ta' abbozzar lill-CompSA.

Is-Segretarjat u t-tim tal-abbozzar (fejn rilevanti) jirrevedu l-kriterji sottomessi għaċ-ċertifikazzjoni u d-dokumenti ta' sostenn (inkluż il-mudell tal-valutazzjoni) u jabbozzaw l-opinjoni. Dejjem għandu jiġi kkunsidrat dak li ġie ddikjarat fl-opinjonijiet preċedenti dwar l-istess suġġett, sabiex tiġi żgurata l-konsistenza. Il-mudell ta' valutazzjoni tal-EDPB sottomess mill-CompSA jista' jintuża bħala dokument intern ta' ħidma fit-tħejjija tal-abbozz ta' opinjoni. Dan ir-rieżami jrid issir fi żmien l-iskadenzi tal-opinjoni.

## 1.5. L-opinjoni skont l-Artikolu 64(2)

Skont l-Artikolu 64(2) u 70(1)(o), l-EDPB għandu joħroġ opinjoni u approvazzjoni b'rabta mal-kwistjonijiet deskritti fl-Artikolu 42(5) tal-GDPR (ara l-pass 9)[9].

Ir-regoli tal-Artikolu 10 għar-regoli ta' proċedura tal-EDPB japplikaw għall-adozzjoni ta' opinjoni[10]. L-SA li tiddeċiedi li titlob Opinjoni skont l-Artikolu 64(2) jkollha tipprovdi raġunament bil-miktub għat-talba, skont l-Artikolu 10(3) tar-Regoli ta' Proċedura. Fil-kuntest ta' talba għall-approvazzjoni mill-EDPB ta' Siġill Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* għall-kriterji ta' ċertifikazzjoni, il-CompSA għandha titlob Opinjoni skont l-Artikolu 64(2) dwar il-kwistjonijiet li jkollhom effett f'aktar minn Stat Membru wieħed.

Il-proċess ta' approvazzjoni tal-EDPB jitlesta permezz tal-approvazzjoni jew tar-rifjut għal talba għal Siġill tal-UE għall-Protezzjoni tad-*Data* għall-kriterji sottomessi. Skont l-Artikolu 64(2) ma hemmx bżonn ta' segwitu għall-opinjoni tal-Bord.

[9]L-Artikolu 64(2) tal-GDPR jippermetti li l-SAs jitolbu Opinjoni dwar kwistjonijiet relatati mal-applikazzjoni ġenerali jew li jħallu effetti f'aktar minn Stat Membru wieħed. Peress li s-Siġill tal-UE għall-Protezzjoni tad-*Data* għandu effetti fl-UE kollha, l-Opinjoni tal-Bord taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 64(2), aktar milli f'dak tal-Artikolu 64(1).

[10]Irid jingħad ukoll li huma biss l-opinjonijiet "approvati" jew "irrifjutati" li huma possibbli peress li jista' jinħoloq taħwid jekk siġill li jkun għad fadallu kwistjonijiet pendenti jiġi "approvat".

L-opinjoni tal-EDPB skont l-Artikolu 64(2) hija applikabbli fl-Istati Membri kollha[11].

## 1.6. Passi ulterjuri wara l-Opinjoni tal-EDPB

Il-passi li ġejjin iridu jitlestew wara li l-EDPB jadotta l-Opinjoni dwar il-Kriterji għas-Siġill tal-UE għall-Protezzjoni tad-*Data*:

- is-Segretarjat jippubblika l-opinjoni li jkun fiha l-approvazzjoni jew ir-rifjut tas-Siġill għall-Protezzjoni tad-*Data* tal-EDPB.

Jekk l-EDPB japprova t-talba għal Siġill tal-UE għall-Protezzjoni tad-*Data* permezz ta' opinjoni pożittiva:

- il-CompSA tinforma lis-sid tal-iskema dwar l-eżitu tal-proċess ta' approvazzjoni tal-EDPB rigward it-talba għal Siġill tal-UE għall-Protezzjoni tad-*Data*.
- il-CompSA ewlenija/koordinatriċi hija responsabbli li tiżgura t-trażmissjoni tad-dokumenti meħtieġa lis-Segretarjat, sabiex jiġu ppubblikati fir-reġistru pubbliku tal-EDPB.

Jekk l-EDPB jirrifjuta t-talba għal Siġill tal-UE għall-Protezzjoni tad-*Data* permezz ta' opinjoni negattiva:

- il-CompSA tinforma lis-sid tal-iskema li skont l-opinjoni tal-EDPB, il-mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni ma jissodisfax ir-rekwiżiti għall-approvazzjoni tal-EDPB.
- il-CompSA tista' tiddeċiedi li terġa' tissottometti kriterji ta' ċertifikazzjoni biex titlob Siġill tal-UE għall-Protezzjoni tad-*Data*. Il-CompSA tista' tiddeċiedi jew li tibda fażi ġdida ta' kooperazzjoni informali jew li tissottometti l-kriterji direttament għall-fażi tal-opinjoni skont l-Artikolu 64(2).

Gwida dwar is-setgħat tal-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 43(8) u (9) se tiżdied fil-futur, flimkien ma' kull rekwiżit ieħor għall-kriterji tat-trasferiment internazzjonali.

[11] Jekk SA ma ssegwix l-opinjoni maħruġa u ma taċċettax l-approvazzjoni ta' Siġill tal-UE għall-Protezzjoni tad-*Data*, kwalunkwe SA oħra jew il-Kummissjoni jistgħu jqajmu l-kwistjoni quddiem il-bord sabiex tittieħed deċiżjoni vinkolanti skont l-Artikolu 65(1)(c)[11].

Fluss tax-xogħol – L-approvazzjoni tal-EDPB tal-Kriterji ta' Ċertifikazzjoni għas-Siġill tal-UE għall-Protezzjoni tad-*Data*

